# Il-Qniepen

KEMM insibu jħennini ħoss il-qniepen; iżjed u iżjed meta nkun waħdi, fil-ħemda; u nisimgħu ġej mill-bogħod!

Darba qrajt li l-Ġeneral Bonaparti, waqt li kien qed joqrob lejn xi rħula li jdawwru belt li kien fi ħsiebu jaħbat, waqqaf lin-nies tiegħu mill-mixi tagħhom x'ħin sema' leħen il-qniepen jidwi fil-bogħod; u wieqaf fuq iż-żiemel, baqa' ħiemed jissamma' sa ma dawn siktu għal kollox.

Min jista' jgħid liema tifkiriet għeżież dawn l-ilħna ħelwin ġiebu magħhom f'moħħ l-akbar Ġeneral li qatt kellha Franza, biex ħass il-ħtieġa li jieqaf u miegħu jwaqqaf armata sħiħa biex jissemma' u jitgħaxxaq bid-diwi tagħhom?

Qatt stenbaħtu mal-lejl, u mat-tinwiħ u t-tvenvin tar-riħ smajtu fil-bogħod id-daqq ta' xi qanpiena żgħira. Ma stħajjiltuhiex leħen xi ruħ imdejqa, li qed titlob l-għajnuna bl-akbar ħniena u ħerqa u bl-akbar għaġla?

U liema serħan u sliem tħossu jġiblek leħen il-qniepen, kmieni kmieni, fil-għodu, x'ħin dawn jiftħu fommhom biex iħabbru tmiem il-lejl u dħul il-jum; u biex jistiednu lil kull min jemmen biex irodd ħajr 'l Alla l-Imbierek li żammu qawwi u sħiħ; u li tah saħħa, ħila u ħeġġa biex jaħdem jum ieħor u jġib il-ħobż għalih u għall-għeżież tiegħu!

Fost kemm-il namra għandi, ebda waħda ma nħossha taħjini daqs dik tal-ġiri qalb ir-raba' u l-għelieqi — waħdi, mal-ħolqien sieket ma' dwari. U mita xi drabi ġie li tnikkirt u bqajt ma rġajt lura lejn dari sa wara nżul ix-xemx, jekk kont inkun fuq ir-riħ ta' Birkirkara, arani nistenna biex nisma' waħda mill-quiepen il-kbar tal-knisja ta' dan ir-raħal iddoqq l-Ave Marija; u ma' kull mewġa taż-żiffa li magħha ġġib id-diwi ta' dawn l-erwieħ tal-bronż, inħossni noħja; u nistħajjilni nittajjar bi ħsiebi lejn żmenijiet oħra, meta qalbi kienet inqas tqila milli hi l-lum, meta kont għadni ma tgħallimtx nidneb u nobgħod u nokrob bla ninstama'; meta ħajti kienet ħajja u ħafifa bħal tal-għasfur tar-rebbiegħa. U mqanqal minn dawn il-ħsebijiet, erħilni nistħajjel li qed ingħix mill-ġdid żgħoriti kollha ħlewwa u safa; u sliem kbir inħossu jimla' 'l qalbi u ruħi nħossha toqrob u tersaq, aktar milli f'kull waqt ieħor, lejn Min ħalaqha.

Helu ħoss il-qniepen; u jidħol fil-qalb u jqanqal kemm-il tifkira — li daqqa tħenni u oħra xxennaq jew tnikket il-qalb — ta' jiem għeżież li għaddew u marru biex qatt ma jerġgħu jiġu lura iżjed!

G. Ellul Mercer

---

## QUO VADIS?

*Waħidha,*
*fuq l-għolja ġeblija,*
*imbiegħda mill-bqija ta' ħutha*
*fil-qalb ħadranija*
*tal-wied,*
*ix-xwejħa ħarruba,*
*magħtuba*
*mit-toqol tas-snin,*
*tħares madwarha*
*ħa' tara*
*il-għagla u in-nies għaddejjin.*

*...U taħseb:*
*Kemm huma mgħaġġlin,*
*fejn huma sejrin?*
*Għal dejjem bla sabar*
*min-nieqa sal-qabar*
*dal-ħalja bnedmin.*

*Fejn huma l-għeruq?*
*Qatt lilhom ma trażżan il-bewsa tar-riħ,*
*qatt lilhom ma tlajjem is-sħana tax-xemx,*
*għalex flit mistrieħ*
*għalihom ma hemmx*
*u l-leħma biss tagħhom*
*il-ħajja tas-Suq?!!*

27. 10. 45.

R. Briffa.